**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum:** 4 ta' Jannar, 2023

**Il-Pulizija**
(**Spettur Gabriel Micallef)**

**-vs-**

**Daniela Ahtiwsh, bint Rosario u Susan nee' Moore, imwielda Attard nhar l-20 t' Awwissu 1976, residenti ġewwa 93, Triq Luqa Briffa, Gżira, detentriċi tal-karta tal-identità Maltija bin- numru 427476M**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputata **Daniela Ahtiwsh** u cioe` talli:

**Nhar l- 20 ta' Diċembru 2022 minn ġewwa l-ħanut Gioielleria Zampa fi Triq Santa Lucia, l-Belt Valletta:**

1. Ikkommettiet serq ta' tlett ċrieket tad-deheb, liema serq huwa kwalifikat bil-valur li jeċċedi il-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94), iżda ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37), għad dannu ta' Loredana Zampa Schiavone u/jew persuni oħra, u/jew entitajiet oħra;

2. **U aktar talli fl-istess, data, lok, ħin u ċirkostanzi,** xjentement laqat għandha jew xtrat ħwejjeġ misruqa, jew meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun indaħħlet biex tbiegħhom jew tmexxihom;

3. **U aktar talli fl-istess, data, lok, ħin u ċirkostanzi** saret reċidiva b'sentenzi mogħtija mill-Qorti ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

4. **U aktar talli fl-istess, data, lok, ħin u ċirkostanzi,** naqset milli tħares il-kundizzjonijiet imposta fuqha mil- Qorti tal- Maġistrati Malta, Maġistrat Dr. Y. Micallef Stafrace u li bih ingħatat il- ħelsien mill- arrest taħt garanzija nhar il-05 ta` Mejju, 2022, u dan bi ksur tal-artiklu 579 tal- Kodiċi Kriminali kap 9 tal-ligijiet ta Malta.

5. **U aktar talli fl-istess, data, lok, ħin u ċirkostanzi,** naqset milli tħares il-kundizzjonijiet imposta fuqha mil- Qorti tal- Maġistrati Malta, Maġistrat Dr. Y. Micallef Stafrace LL.D. u li bih ingħatat il- ħelsien mill- arrest taħt garanzija nhar il-05 ta` Mejju, 2022, u dan bi ksur tal- artiklu 579 tal- Kodiċi Kriminali kap 9 tal-ligijiet ta Malta.

6. **U aktar talli fl-istess, data, lok, ħin u ċirkostanzi,** naqset milli tħares il-kundizzjonijiet imposta fuqha mil- Qorti tal-Maġistrati Malta, Maġistrat Dr. J. Mifsud LL.D. u li bih ingħatat il- ħelsien mill- arrest taħt garanzija nhar it-18 ta` Novembru, 2022, u dan bi ksur tal- artiklu 579 tal- Kodiċi Kriminali kap 9 tal-ligijiet ta Malta.

Il-Qorti ġiet tirrevoka is-somma msemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija liema somma totali għandha tiġi mgħoddija favur il-gvern ta' Malta kif ukoll tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta' l-imsemmija Daniela Ahtiwsh u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imsemmija imputata fejn b'diversi digrieti hawn fuq imsemmija, kienet ingħata l-ħelsien mill arrest, kif stipulat fl-artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill- akkużata għall-ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-qatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta

Rat li waqt l-udjenza tallum, miżmuma minn din il-Qorti l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha.

Semgħet ix-xhieda.

Rat l-artikoli.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat-
Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 370(6) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputata wieġbet li hi ħatja ghall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u hija ngħatat żmien xieraq sabiex jekk riedet terġa' lura minnha.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha u għaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tagħha, l-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tagħha kif minnha ammessi.

Illi dwar il-piena l-Qorti ikkunsidrat in-natura tar-reati li qed tinstab ħtija dwarhom, tal-fedina penali mżewwqa tagħha kif ukoll tal-isforzi li din għamlet fil-passat biex titfarfar mill-andament ħażin li kienet qabdet, tal-ammissjoni bikrija tagħha, kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha l-oħra tal-każ fejn din il-persuna tbati minn kondizzjoni psikoloġika li potenzjalment timpediha milli tifhem b'mod sħiħ il-konsegwenzi ta' għemilha.

Il-Qorti hija disposta tagħti ċans aħħari lill-imputata biex tindirizza l-żbalji tagħha, terġa' titpoġġa fit-triq it-tajba w tibda kapitlu ġdid li jżommha l-bogħod mill-għatba tal-ħabs.

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 50, 261(ċ), 267, 279(a), 289 u 579 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tagħha, u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tpoġġiha taħt **ordni ta' probation għal tlett (3) snin millum**.

Inoltre wara li rat l-artikolu 24 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-imputata tikkumpensa lid-derubat/i fl-ammont ta' **€1,180** fi żmien massimu ta' sitt xhur, bl-ewwel pagament għandu jsir sa mhux aktar tard mill-aħħar ta' Frar, 2023.

Dan l-ordni jista' jiġi infurzat bl-istess mod bħallikieku din kienet ingħatat f'azzjoni ċivili bejn il-ħati u l-persuna lil min id-danni jew il-kumpens jiġu ordnati li għandhom jitħallsu.

Il-Qorti spjegat lill-ħatja l-konsegwenzi jekk tikkommetti reat ieħor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza, kif ukoll jekk ma ssegwix id-direttivi li se jingħatawlha fil-perjodu ta' superviżjoni jew jekk ma tħallasx dak dovut minnha lid-derubat/i.

Finalment tordna li l-imputata ma tersaqx lejn ħwienet u stabbilimenti li jbiegħu ġojjellerija għajr biex tagħmel il-ħlas dovut minnha lid-derubat/i.

Kopja ta' din is-sentenza u l-ordni ta' Probation għandhom jintbagħatu lid-Direttur tal-Probation u Parole skond il-liġi.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**